

Brussell, 15 ta' Novembru 2020
(OR. en)

12912/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0273(NLE)

PECHE 367

NOTA

| | |
|----------|--|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Suġġett: | Informazzjoni dwar id-data tal-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania dwar estensjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania, li ser jiskadi fil-15 ta' Novembru 2020 |

Fil-15 ta' Novembru 2020, l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania ffirmaw, fi Brussell, il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania dwar estensjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania, li ser jiskadi fil-15 ta' Novembru 2020.

Għaldaqstant il-Ftehim japplika b'mod proviżorju mis-16 ta' Novembru 2020, skont il-punt 6 tiegħu.